Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 150/2022 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 1403/2022 FL-ISMIJIET: **LION FUNDING LTD (C101625) V. DONNIE CASSAR (KI. 347975M)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(D)(F))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' Settembru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Donnie Cassar ("ir-rikorrent sekwestrat" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2022[1] li permezz tiegħu għar-raġunijiet fih premessi talab lill-Qorti jogħġobha:

> « ... sabiex jogħġobha tordna li jiġi revokat għal kollox il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq indikat, ossia l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1403/2022 u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 u dana taħt kull provvediment li jogħġobha timponi. »

wara li rat l-Ordni *in camera* tat-28 ta' Lulju 2022[2];

wara li rat in-nota tar-rikorrent tal-4 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha ppreżenta kopja tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni[3]

wara in-nota risponsiva ta' Lion Funding Ltd ("il-kumpanija intimata sekwestranta", "l-intimata sekwestrata" jew "l-intimata") ippreżentata fid-19 ta' Awwissu 2022[4] li permezz

[1] Fol 1-16
[2] Fol 17
[3] Fol 18-21
[4] Fol 26-31

tagħha għar-raġunijiet fiha premessi talbet lill-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż,

wara li rat id-dokumenti ppreżentati fl-atti proċesswali,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. L-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża suppost għandu isir fil-kawża proprja. F'dan il-każ partikolari, ir-rikorrent sekwestrat qed jattakka l-validita' tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1403/2022 u jitlob ir-revoka tiegħu abbażi tal-Art. 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdu kif ġej:

> «**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> ...
> (d) **jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;** jew
> ...
>
> (f) **jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.**... »

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12**

2. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimata sekwestranta riedet tqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' €7,089[5] rappreżentanti ammont allegatament dovut lilha mir-rikorrent sekwestrat fil-forma ta' sbatax-il kambjala tal-valur ta' €417 il-waħda li lkoll mmaturaw. Minkejja l-oneru li l-liġi timponi fuq ir-rikorrent fi proċeduri ta' din ix-xorta,[6] l-ebda waħda minn dawn il-kambjali ma' ġiet esebita f'dawn l-atti. Minn indaġini ulterjuri li għamlet il-Qorti *suo motu* (xi ħaġa

---

[5] Għall-finijiet ta' kjarezza jiġi ppreċiżat illi l-ammont indikat bħala sorti fil-mandat jaqra "seba t'elef u tmienja u disgħin euro" u għalhekk l-intimata sekwestrata tagħmel tajjeb li titlob korrezzjoni skond il-liġi biex tindirizza dan il-*lapsus*.
[6] Kap. 12, Art. 836(2)

li setgħet tagħmel għaliex hija l-istess Qorti kif presjeduta illi qed tisma' l-kawża li ġiet intavolata ai termini tal-Art. 253(e) sabiex tikkontesta l-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata kontestwalment mal-mandat[7]) jirriżulta illi l-kambjali ġew miġbuda mill-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd (it-traent ossia id-"*drawer*") fuq ir-rikorrent Donnie Cassar (it-trattarju ossia id-*"drawee"*) li wera l-aċċettazzjoni tiegħu bil-firma tiegħu fuq kull kambjala. Il-kambjali nħarġu pagabbli lill-kumpanija No Deposit Cars Malta Ltd li għalhekk kienet kemm il-persuna li ġibdet il-kambjali (*drawer*) u anke l-persuna li għall-ordni tagħha kellhom jitħallsu (il-prenditur ossia il-"*payee*"). Sussegwentement[8] il-kambjali ġew imdawwra (i.e. ġirati ossia *"endorsed"*) minn No Deposit Cars Malta Ltd lill-kumpanija intimata sekwestranta ossia' Lion Funding Ltd li għalhekk saret il-benefiċċjarju l-ġdid tagħhom. Il-ġirata ta' kambjala mhux biss hija permissibbli mill-liġi[9] iżda fil-fatt hija l-karatteristika ewlenija u r-*raison d'être* ta' dan l-istrument ta' kreditu. Fil-każ *de quo* l-ġirata saret permezz tad-dikjarazzjoni segwenti magħmula fuq wara tal-kambjali (li wara kollox hija t-tifsira tal-kelma *endorsement* li ġejja mill-kliem Latin *"in dorsun"* – *upon a back*) minn No Deposit Cars Malta Limited: *"Pay to the order of Lion Funding Limited without protest"*.

3. Fid-digriet fl-ismijiet: **<u>"Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea"</u>** (336/2005 JRM, 29 ta' Lulju 2005) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej:

> « "L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-Qrati tal-Gustizzja pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif

---

[7] Lion Funding Ltd v. Donnie Cassar (Rik 149/2022 VGA)
[8] Id-data hija nieqsa mill-ġirata. Dan pero ma' jġibx b'daqshekk in-nullita' tal-istess ġirata.
[9] Art. 136- Art. 147 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta

> diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat. (ara : "Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003). »

4. Ir-rikorrent qed jorbot din il-kawżali mal-pretensjoni tiegħu illi:

    1. Tlett kambjali minn dawk li ġew ikkawtelati bil-mandat diġa huma l-mertu ta' ittra uffiċjali oħra ppreżentata ai termini tal-Art. 253(e) minn kumpanija bl-isem ta' Princess Holdings Limited, liema ittra tifforma l-mertu tal-kawża pendenti fl-ismijiet Princess Holdings Limited v. Donnie Cassar (Rik. 172/2021 VGA);

    2. Il-kambjali ġew iffirmati flimkien ma' *hire purchase agreement* bejnu u bejn il-kumpanija No Deposit Cars Malta Litd rigward vettura li qatt ma' ġiet mgħoddija lilu u għalhekk skond hu l-istess kumpanija la kellha d-dritt teżegwixxi l-kambjali u lanqas id-dritt li ddawwar il-kambjali lill-kumpanija intimata sekwestranta Lion Funding Ltd peress illi dan ikun "każ ta' arrikkiment illeċitu a skapitu" tiegħu.

5. Fir-rigward tal-ewwel asserzjoni tar-rikorrent jingħad, mingħajr il-bżonn li l-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ, illi kull ġirata ta' kambjala toħloq relazzjoni legali ġdida li tkun distinta minn dik li tkun inħolqot preċedentement bejn il-partijiet mal-emissjoni tal-kambjala jew ma' ġirata preċedenti. Għalhekk il-fatt biss illi l-prenditur ta' kambjala jkun beda proċeduri sabiex irendi kambjala eżegwibbli m'huwiex ta' ostakolu għall-prenditur sussegwenti tal-istess kambjala (li tkun ġiet ġirata favur tiegħu) sabiex irendi l-"istess" kambjala eżegwibbli min-naħa tiegħu. Naturalment dan ma' jfissirx li t-trattarju (debitur, ossia' r-rikorrent sekwestrat Donnie Cassar) jrid iħallas darbtejn fuq l-istess kambjala, kif lanqas ma' jfisser li t-trattarju m'għandux id-dritt li <u>**quddiem il-forum kompetenti**</u> iressaq il-provi kollha li hemm bżonn sabiex juri illi l-ġirata kienet magħmula b'mod frawdolenti sabiex jiġu leżi d-drittijiet tiegħu.

6. L-istess japplika ukoll għat-tieni pretensjoni tar-rikorrent. Il-Qorti tara li sabiex tanalizza din il-lamentela jkun jeħtieġilha illi tidħol f'ċertu dettal fil-fatti allegati mir-

rikorrenti inkluż analiżi tal-ftehim bejn No Deposit Cars Malta Ltd u r-rikorrent. Dan m'huwiex possibbli f'din il-proċedura u fis-sew lanqas m'huwa permissibbli fi proċeduri miftuħa ai termini tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12 li ukoll jirrikjedu li l-Qorti tevalwa l-provi biss fuq livell ta' *prima facie.*

7. Mill-provi dokumentarji li ġew imressqa quddiemha il-Qorti mad-daqqa t'għajn ma' tirriskontra l-ebda prova, wisq anqas prova determinanti, li l-ammont mitlub mill-intimata sekwestranta huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat. *Prima facie* l-intimata għandha bażi ta' pretensjoni x'tikkawtela u din ġiet kwantifikata f'somma li taqbel mal-ammont maħluf fil-mandat.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12**

8. Hija posizzjoni stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna illi sabiex mandat jiġi rexiss abbażi ta' din il-kawżali jeħtieġ li jkun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi **wara** li jkun inħareġ il-mandat. Digriet li jiġi kkwotat ta' spiss f'dan ir-rigward huwa dak li kien ġie mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Onor Imħallef Joseph R. Micallef fil-25 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet "**Francis Spiteri et. v. Charles Darmanin et.**" (Rikors Numru. 571/2010 JRM) fejn il-Qorti kienet qalet hekk:

> « Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ »

9. F'dan is-sens ukoll din il-Qorti diversement presjeduta tenniet fis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Carlos Calleja v. Gerard Dominic Borg Mizzi** (Rik. Nru. 1/2020 RM, deċiża 12 ta' Frar 2020) illi:

> «Kwantu ghas-sottomissjoni tar-rikorrent illi m'huwiex ragjonevoli illi l-Mandat de quo jinzamm fis-sehh jew illi l-att jew parti minnu m'huwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti tosserva illi gie kostantement ritenut mill-qrati taghha illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tehtieg illi jintwera li tkun tbiddlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-Mandat, li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' fis-sehh in toto jew in parti. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz. Sabiex issir din l-analizi wiehed irid jistabblixxi jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-hrug tal-Mandat. Issa, il-htigijiet tal-ligi procedurali ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma li l-persuna li titlob il-hrug tal-Mandat:-

> "(a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat;
>
> (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt;
>
> (ċ)li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u
>
> (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta` tal-persuna li tkun talbitu.
>
> Illi fil-kaz odjern ma intweriex illi mid-data meta nhareg il-Mandat in kwistjoni, kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex il-Qorti tista' tasal biex tiddeciedi li l-hrug tal-mandat li kien ragjonevoli jew gustifikabbli, issa m'ghadux[10] »

10. L-istess raġunament japplika ukoll bis-sħiħ għal dan ir-rikors. Filfatt ir-rikors innifsu jagħmilha ċara illi r-revoka tal-mandat abbażi ta' din il-kawżali qed jintalab għaliex mill-bidu nett dan il-mandat kien bla bażi u inġustifikabbli mentri dak li trid il-liġi huwa illi **<u>wara</u>** li jinħareġ l-istess mandat dan *inter alia* **<u>isir</u>** *in toto* jew *in parte* inġustifikabbli. Għalhekk il-Qorti ser tirrispinġi t-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat abbażi ta' din il-kawżali.

11. Inoltre l-argument tar-rikorrent illi l-mandat qed jikkawżalu u ser ikompli jikkawżalu diffikultajiet serji fil-ħajja tiegħu m'huwiex raġuni valida 'l għala l-mandat għandu jiġi revokat.[11]

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent sekwestrat bl-ispejjeż.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[10] L-istess insenjament jinstab f'numru kbir ta' sentenzi oħra inkluż f'sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fosthom **<u>Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa v. Alexander Mangion u Melvin Mangion</u>** (Rik 1174/2018 LM, deċiża 11 ta' Frar 2019)
[11] **<u>Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd.</u>** (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003)